# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## ta' l-10 ta' Novembru, 2006

## dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew

## *(BĊE/2006/17)*

(2006/888/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 26.2,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊEB/2002/11 tal-5 ta' Diċembru, 2002, dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew [1] (BĊE) teħtieġ emenda sinifikanti. Mill-1 ta' Jannar, 2007, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) se tuża l-metodu ekonomiku kif iddefinit fil-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 ta' l-10 ta' Novembru, 2006, dwar il-qafas legali għal rappurtar tal-kontabilità fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali [2] biex jiġu rreġistrati tranżazzjonijiet tal-kambju, strumenti finanzjarji ddenominati f'valuta barranija u dovuti (*accruals*) relatati. Huwa mixtieq għal raġunijiet ta' ċarezza biex isir *recast* tad-Deċiżjoni f'test waħdieni.

(2) Id-Deċiżjonijiet BĊE/2002/11, BĊE/2005/12 u BĊE/2006/3 li huma sostitwiti b'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu rrevokati.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

#### Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-"Eurosistema" u l-"banek ċentrali nazzjonali" (BĊNi) għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 1 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

2. Termini tekniċi oħra wżati f'din id-Deċiżjoni għandhom ikollhom l-istess tifsira bħal fl-Anness II mal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

[1] ĠU L 58, 3.3.2003, p. 38. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni BĊE/2006/3 (ĠU L 89, 28.3.2006, p. 56).

[2] Għadha mhix ippubblikata.

*Artikolu 2*

#### Skop ta' applikazzjoni

Ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw għall-kontijiet annwali tal-BĊE li jkopru l-karta tal-bilanċ, elementi rreġistrati fil-kotba tal-BĊE *off-balance sheet*, il-kont tal-qligħ u t-telf u n-noti għall-kontijiet annwali tal-BĊE.

*Artikolu 3*

#### Prinċipji tal-kontabilita fundamentali

Il-prinċipji tal-kontabilità fundamentali ddefiniti fl-Artikolu 3 ta' din il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 għandhom japplikaw ukoll għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

#### Rikonoxximent ta' l-attiv u l-passiv

Attiv/passiv finanzjajru u xi tip ta' attiv/passiv ieħor għandu jkun rikonoxxut biss fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE skond l-Artikolu 4 ta' din il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*Artikolu 5*

#### Metodi ekonomiċi u metodi cash/settlement

L-Artikolu 5 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 għandu japplika għal din id-Deċiżjoni.

KAPITOLU II

### KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TA' VALUTAZZJONI TAL-KARTA TAL-BILANĊ

*Artikolu 6*

#### Kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ

Il-kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ għandha tkun ibbażata skond l-istruttura stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 7*

**Provvediment għar-rata tal-kambju, għar-riskju tar-rata ta' l-imgħax u għar-riskju tal-prezz tas-suq**

Filwaqt li jikkunsidra kif jixraq in-natura ta' l-attivitajiet tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv jista' jistabbilixxi provvediment għar-rata tal-kambju, rata ta' imgħax u riskji tal-prezz tad-deheb fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE. Il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi dwar id-daqs u l-użu tal-provvediment fuq il-bażi ta' stima rraġunata tar-*risk exposures* tal-BĊE.

*Artikolu 8*

**Regoli ta' valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ**

1. Rati u prezzijiet kurrenti tas-suq għandhom ikunu bbażati għal skopijiet ta' valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ sakemm speċifikat mod ieħor fl-Anness I.

2. Ir-rivalutazzjoni tad-deheb, strumenti ta' valuta barranija, sigurtàjiet u strumenti finanzjarji kemm *on-balance-sheet* u *off-balance-sheet*, għandhom ikunu mwettqa fi tmiem is-sena skond rati u prezzijiet mid-market.

3. Ma għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn prezz u differenzi ta' rivalutazzjoni tal-valuta għad-deheb, imma għandha ssir kontabilità ta' differenza waħdanija ta' rivalutazzjoni tad-deheb, ibbażata fuq il-prezz f'euro għal kull unita ta' piż tad-deheb iddefinita li joħroġ mir-rata tal-kambju ta' l-euro/US dollar fid-data ta' rivalutazzjoni. Ir-rivalutazzjoni għandha ssir fuq bażi valuta b' valuta għal kambju fi flus barranin, inklużi tranżazzjonijiet *on-balance-sheet* u *off-balance-sheet*, u fuq bażi kowd b' kowd i.e. l-istess ISIN numru/tip għal titoli, minbarra għal dawk it-titoli inklużi fl-element "Attiv finanzjarju ieħor", li għandhom ikunu ttrattati bħala *holdings* separati.

*Artikolu 9*

**Tranżazzjonijiet b'lura**

Il-kontabilità tat-tranżazzjonijiet b'lura għandha ssir skond l-Artikolu 8 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*Artikolu 10*

**Strumenti azzjonarji negozzjabbli**

Il-kontabilità ta' strumenti azzjonarji negozzjabbli għandha ssir skond l-Artikolu 9 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16. Il-punti kollha ta' l-Artikolu 9(3) għandhom japplikaw għall-BĊE.

KAPITOLU III

**RIKONOXXIMENT TAD-DĦUL**

*Artikolu 11*

**Rikonoxximent tad-dħul**

1. L-Artikolu 11(1), (2), (3), (5) u (7) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 għandu japplika għar-rikonoxximent tad-dħul.

2. *Holdings* f'kontijiet ta' rivalutazzjoni speċjali stemming minn kontribuzzjonijiet skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut fir-rigward tal-banek ċentrali ta' Stati Membri li għalihom id-deroga tkun ġiet abrogata, għandhom jintużaw biex ipaċu telf mhux realizzat meta dawn jeċċedu qligħ ta' qabel ta' rivalutazzjoni rreġistrati fil-kont standard korrispondenti ta' rivalutazzjoni kif stabbilit bl-Artikolu 11(1)(ċ) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16, qabel ma dan it-telf jiġi paċut skond l-Artikolu 33.2 ta' l-Istatut. Il-*holdings* f'kontijiet speċjali ta' rivalutazzjoni għad-deheb, għall-valuti u għat-titoli għandhom jitnaqqsu pro rata fil-każ ta' tnaqqis fil-*holdings* ta' l-attiv rilevanti.

*Artikolu 12*

**Spejjeż ta' tranżazzjonijiet**

L-Artikolu 12 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 għandha tapplika għal din id-Deċiżjoni.

KAPITOLU IV

**REGOLI TA' KONTABILITA GĦAL STRUMENTI OFF-BALANCE-SHEET**

*Artikolu 13*

**Regoli Ġenerali**

L-Artikolu 13 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 għandhom japplikaw għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 14*

**Tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju**

Il-kontabilità tat-tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju għandha ssir skond l-Artikolu 14 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*Artikolu 15*

**Swaps tal-kambju**

Il-kontabilità ta' l-*iswaps* tal-kambju għandha ssir skond l-Artikolu 15 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*Artikolu 16*

## Futures tar-rata ta' l-imgħax

Il-kontabilità tal-*futures* tar-rata ta' l-imgħax għandha ssir skond l-Artikolu 16 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*Artikolu 17*

## Swaps tar-rata ta' l-imgħax

Il-kontabilita *ta' l-iswaps* tar-rata ta' l-imgħax għandha ssir skond l-Artikolu 17 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16. Telf mhux realizzat imqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena għandhom ikunu amortizzati fi snin sussegwenti skond il-metodu *straight-line*.

*Artikolu 18*

## Ftehim tar-rata bil-quddiem

Il-kontabilita tal-ftehim tar-rata bil-quddiem għandha ssir skond l-Artikolu 18 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*Artikolu 19*

## Tranżazzjonijiet bil-quddiem ta' titoli

Il-kontabilita tat-tranżazzjonijiet bil-quddiem ta' titoli għandha ssir skond il-Metodu A fl-Artikolu 19(1) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*Artikolu 20*

## Options

Il-kontabilita ta' l-*options* għandha ssir skond l-Artikolu 20 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

KAPITOLU V

## KARTA TAL-BILANĊ U KONT TAL-QLIGĦ U T-TELF ANNWALI PPUBBLIKATI

*Artikolu 21*

## Formati

1. Il-format għall-karta tal-bilanċ annwali tal-BĊE ippubblikata għandu jsegwi l-format fl-Anness II.

2. Il-format tal-kont tal-qligħ u t-telf ippubblikat tal-BĊE għandu jkun konformi ma' l-Anness III.

KAPITOLU VI

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 22*

## Żvilupp, applikazzjoni u interpretazzjoni ta' regoli

1. Il-Kumitat tad-dħul tal-Kontabilita u dħul Monetarju (AMICO) għandu jirrapporta lill-Kunsill Governattiv, permezz tal-Bord Eżekuttiv, dwar l-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli ta' rappurtar tal-kontabilita u finanzjarji tas-SEBĊ.

2. Fl-interpretazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandu jiġi kkunsidrat ukoll ix-xogħol preparatorju, il-prinċipji tal-kontabilita armonizzati bil-liġi tal-Komunita u l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilita aċċettati ġeneralment.

3. Jekk xi trattament ta' kontabilita speċifiku m'huwiex ipprovdut f'din id-Deċiżjoni u fin-nuqqas ta' xi deċiżjoni bil-kuntraju mill-Kunsill Governattiv, il-BĊE għandu jsegwi l-prinċipji ta' valutazzjoni skond l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilita kif adottati mill-Unjoni Ewropea rilevanti għall-attivitajiet u l-kontijiet tal-BĊE.

*Artikolu 23*

## Revoka

Id-Deċiżjonijiet BĊE/2002/11, BĊE/2005/12, u BĊE/2006/3 qed jiġu rrevokati. Ir-referenzi għad-Deċizjonijiet irrevokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 24*

## Dispożizzjoni Finali

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-10 ta' Novembru, 2006.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS I*

**KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TA' VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ**

*Note:* in-numerar għandu x'jaqsam mal-format tal-karta tal-bilanċ kif stabbilit fl-Anness II.

ATTIV

| | Element tal-Karta tal-Bilanċ | Kategorizazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1 | **Deheb u ammonti riċevibbli tad-deheb** | Deheb fiżiku (jiġifieri ingotti, muniti, *plates, nuggets* in storage jew "under way". f'ħażna jew "under way". Deheb mhux fiżiku, bħal ma huma bilanċi f'kontijiet *gold sight* (kontijiet mhux allokati), depożiti b'terminu u klejms biex jiġi rċevut deheb li jqumu mit-tranżazzjonijiet li ġejjin: transazzjonijiet ta' *upgrading* jew *downgrading* u *gold location* jew *purity swaps* fejn hemm differenza ta' aktar minn jum ta' negozju wieħed bejn ir-rilaxx u r-riċevuta | Valur tas-suq |
| 2 | **Klejm fuq residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuta barranija** | Klejms fuq kontropartijiet residenti barra ż-żona ta' l-euro inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sovranazzjonali u banek ċentrali barra ż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuta barranija | |
| 2.1 | **Ammonti riċevibbli mill-IMF** | (a) *Drittijiet speċjali ta' ġbid ta' flus fi tranche riżervata (nett)*<br>Kwota nazzjonali mnaqqsa bil-bilanċi f'euro fid-dispożizzjoni ta' l-IMF. Il-kont Nru 2 ta' l-IMF (kont euro għal spejjeż amministrattivi) jista' jkun inkluż f'din il-pożizzjoni jew taħt l-element "Passivi għal residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominati f'euro" | (a) *Drittijiet ta' ġbid ta' flus ġewwa r-reserve tranche (net)*<br>Valur nominali, traduzzjoni skond ir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| | | (b) *Drittijiet speċjali ta' ġbid ta' flus*<br>*Holdings* ta' drittijiet speċjali ta' ġbid ta' flus (gross) | (b) *Drittijiet speċjali ta' ġbid ta' flus*<br>Valur nominali, traduzzjoni skond ir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| | | (c) *Klejms oħrajn*<br>Ftehim ġenerali għal self (GAB), self skond ftehim sepċjali ta' self, depożiti ġewwa l-qafas tal-Faċilità għat-Tkabbir u t-Tnaqqis tal-Faqar (PRGF) | (c) *Klejms oħrajn*<br>Valur nominali, traduzzjoni skond ir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| 2.2 | **Bilanċi ma' banek u investimenti ta' sigurtà, self estern u attiv estern ie ħor** | (a) *Bilanċi ma' banek barra ż-żona ta' l-euro*<br>Kontijiet kurrenti, depożiti fissi, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet b'lura *repo* | (a) *Bilanċi ma' banek barra ż-żona ta' l-euro*<br>Valur nominali, traduzzjoni skond ir-rata tas-suq tal-kambju |
| | | (b) *Investimenti ta' titoli minbarra ishma azzjonarji, parteċipazzjonijiet u titoli oħra taħt asset item "Attiv finanzjarju ieħor" barra ż-żona ta' l-euro*<br>Karti u *bonds, bills, zero bonds*, strumenti tas-suq tal-flus negozjabbli, kollha maħruġa minn residenti barra ż-żona ta' l-euro | (b) *Titoli negozjabbli*<br>Prezz tas-suq u rata tas-suq tal-kambju |
| | | (c) *Self estern (depożiti)*<br>Self to u titoli mhux negozjabbli minbarra ishma azzjonarji, parteċipazjonijiet u titoli oħra taħt l-element ta' attiv "Attiv finanzjarju ieħor" maħruġa | (c) *Self estern*<br>Depożiti skond il-valur nominali, titoli mhux negozjabbli bil-prezz; it-tnejn tradotti skond ir-rata tas-suq tal-kambju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ | | Kategorizazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| | | (d) *Attiv ieħor estern*<br>Karti tal-flus u muniti mhux taż-żona ta' l-euro | (d) *Attiv ieħor estern*<br>Valur nominali, traduzzjoni bir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| 3 | **Klejms fuq residenti taż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuta barranija** | (a) *Titoli negozzjabbli*<br>Karti u *bonds, bills, zero bonds*, strumenti tas-suq tal-flus negozjabbli li ma jkunux ishma b'valur proprjetarju, parteċipazzjonijiet u titoli oħrajn negozzjabbli taħt l-element ta' l-attiv "Attiv ieħor finanzjarju"<br><br>(b) *Klejms oħrajn*<br>Titoli negozzjabbli mhux fis-suq li ma jkunux ishma b'valur proprjetarju, parteċipazzjonijiet u titoli oħrajn negozzjabbli taħt l-element ta' l-attiv "Attiv ieħor finanzjarju", self, depożiti, tranżazzjonijiet b'lura *repo*, self varju | (a) *Titoli negozzjabbli*<br>Prezz tas-suq u s-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena<br><br>(b) *Klejms oħrajn*<br>Depożiti b'valur nominali, titoli negozzjabbli mhux fis-suq kemm jiswa, it-tnejn tradotti bir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| 4 | **Klejms fuq residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominati f'euro** | | |
| 4.1 | **Bilanċi ma' banek, investimenti ta' sigurtà u self** | (a) *Bilanċi ma banek 'il barra miż-żona ta' l-euro*<br>Kontijiet kurrenti, Depożiti fissi, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet b'lura *repo* rigward il-ġestjoni ta'titoli negozzjabbli ddenominati f'euro<br><br>(b) *Investimenti f'titoli li ma jkunux ishma b'valur proprjetarju, parteċipazzjonijiet u titoli oħrajn negozzjabbli taħt l-element ta' l-attiv "Attiv ieħor finanzjarju" 'il barra miż-żona ta' l-euro*<br>Karti u *bonds, bills, zero bonds*, strumenti tas-suq tal-flus negozjabbli, kollha maħruġa minn residenti barra ż-żona ta' l-euro<br><br>(c) *Self 'il barra miż-żona ta' l-euro*<br>Self lil u titoli negozzjabbli mhux fis-suq maħruġa minn residenti mhux taż-żona ta' l-euro<br><br>(d) *Titoli negozzjabbli maħruġa minn entijiet 'il barra miż-żona ta' l-euro*<br>Titoli negozzjabbli maħruġa minn organizzazzjonijiet sovranazzjonali u internazzjonali eż.l-BIE, irrispettivament minn fejn jinsabu ġeografikament | (a) *Bilanċi ma banek 'il barra miż-żona ta' l-euro*<br>Valur nominali<br><br>(b) *Titoli negozzjabbli fis-suq*<br>Prezz tas-suq fl-aħħar tas-sena<br><br>(c) *Self 'il barra miż-żona ta' l-euro*<br>Depożiti b'valur nominali, titoli negozzjabbli mhux fis-suq kemm jiswew<br><br>(d) *Titoli negozzjabbli maħruġa minn entijiet 'il barra miż-żona ta' l-euro*<br>Prezz tas-suq fl-aħħar tas-sena |
| 4.2 | **Klejms li jqumu mill-faċilità ta' kreditu skond l-ERM II** | Self skond il-kondizzjonijiet ta' l-ERM II | Valur nominali |
| 5 | **Self għal istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro relatati ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominati f' euro** | Elementi 5.1 to 5.5: tranżazzjonijiet skond l-istrumenti rispettivi tal-politika monetarja deskritti fl-Anness I mal-linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 t'Awwissu, 2000, dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Eurosistema ([1]) | |
| 5.1 | **Operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid** | Tranżazzjonijiet b'lura li jipprovdu likwidita regolari fi frekwenza ta' ġimgħa u normalment b'maturita ta' ġimgħa | Valur nominali jew prezz *repo* |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ | | Kategorizazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| 5.2 | **Operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid għal żmien twil** | Tranżazzjonijiet b'lura li jipprovdu likwidita regolari fi frekwenza ta' ġimgħa u normalment b'maturita ta' tliet xhur | Valur nominali jew prezz *repo* |
| 5.3 | **Operazzjonijiet b'lura ta' irfinar** | Tranżazzjonijiet b'lura, eżegwiti bħala tranżazzjonijiet *ad hoc* għal skopijiet ta' irfinar | Valur nominali jew prezz *repo* |
| 5.4 | **Operazzjonijiet b'lura strutturali** | Tranżazzjonijiet li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali ta' l-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju | Valur nominali jew prezz *repo* |
| 5.5 | **Faċilità ta' self marġinali** | Faċilità ta' likwidita *overnight* b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel kontra attiv eliġibbli (*standing facility*) | Valur nominali jew prezz *repo* |
| 5.6 | **Krediti relatati ma' margin calls** | Kreditu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn żidiet fil-valur ta' l-attiv sottostanti fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu | Valur nominali jew prezz |
| 6 | **Klejms oħrajn f'istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro ddenominati f'euro** | Kontijiet kurrenti, depożiti fissi, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet *repo* b'lura b'konnessjoni ma' l-immaniġġjar ta' portafolli ta' titoli taħt l-asset item "Titoli ta' residenti taż-żona ta' l-euro ddenominati f'euro", inklużi tranżazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni ta' riżervi ta' qabel ta' valuta barranija taż-żona ta' l-euro u kljems oħra. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro mhux domestiċi. Klejms oħrajn u operazzjonijiet mhux relatati ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' l-Eurosistema. Kwalunkwe klejms li jirriżultaw minn operazzjonijiet tal-politika monetarja inizjati minn xi BĊN qabel ma jissieħeb fil-Eurosistema | Valur nominali jew prezz |
| 7 | **Titoli ta' residenti taż-żona ta' l-euro ddenominati f' euro** | Titoli negozjabbli minbarra ishma azzjonarji, parteċipazzjonijiet u titoli oħra taħt asset item "Attiv finanzjarju ieħor": karti u *bonds, bills, zero bonds*, strumenti tas-suq tal-flus miżmuma għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UME, iddenominati f'euro; ċertifikati ta' debitu tal-BĊE mixtrija għal skopijiet ta' irfinar | Prezz tas-suq fl-aħħar tas-sena |
| 8 | **Dejn ġenerali tal-gvern iddenominat fil-euro** | Klejms fuq il-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UME (titoli mhux negozjabbli, self) | Depożiti/self b'valur nominali, titoli negozzjabbli mhux fis-suq kemm jiswa |
| 9 | **Klejms Intra-Eurosistema** | | |
| 9.1 | **Klejms relatati ma' *promissory notes* li jsostnu l-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu tal-BĊE** | Element tal-karta tal-bilanċ ta' xi BĊN biss<br>*Promissory notes* maħruġa minn BĊNi, minħabba ftehim *back-to-back* b'konnessjoni ma' ċertifikati ta' debitu tal-BĊE | Valur nominali |
| 9.2 | **Klejms relatati ma' l-allokazzjoni tal-karti tal-flus euro ġewwa l-Eurosistema** | Klejms relatati mal-ħarġa tal-karti tal-flus tal-BĊE skond id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru, 2001fuq il-ħuġ tal-karti tal-flus ta' l-euro ([2]) | Valur nominali |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ | Kategorizazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|
| 9.3 **Klejms oħrajn ġewwa l-Eurosistema (netti)** | Il-pożizzjoni netta tas-sub-elementi li ġejjin:<br>(a) klejms netti li jirriżultaw minn bilanċi ta' kontijiet TARGET u kontijiet korrispondenti ta' BĊNi i.e. iċ-ċifra netta tal-klejms u l-passiv – ara wkoll l-element tal-passiv "Passiv ieħor ġewwa l-Eurosistema (nett)"<br>(b) klejms oħrajn interni għall-Eurosistema li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus euro lill-BĊNi | (a) Valur nominali<br>(b) Valur nominali |
| 10 **Elementi għall-ħlas** | Bilanċi tal-kont ta' ħlas (klejms), inklużi il-float ta' ċekkijiet fil-ġbir | Valur nominali |
| 11 **Attiv ieħor** | | |
| 11.1 **Muniti taż-żona ta' l-euro** | Muniti ta' l-euro | Valur nominali |
| 11.2 **Attiv fiss tanġibbli u mhux tanġibbli** | Art u bini, għamara u tagħmir inkluż tagħmir tal-kompjuter, *software* | Prezz mnaqqsa bid-deprezzament<br>Id-deprezzament huwa l-allokazzjoni sistematika ta' l-ammont deprezzabbli ta' element ta' l-attiv matul il-ħajja utli tiegħu. Il-ħajja utli hija l-perjodu li matulu element ta' l-attiv fiss huwa mistenni li jkun disponibbli għall-użu mill-enti. Ħajjiet ta' elementi individwali fissi jistgħu jkunu rieżaminati fuq bażi sistematika, jekk l-aspettattivi huma differenti mill-istimi ta' qabel. Elementi ta' l-attiv ewelnin jistgħu jinkludu komponenti b'ħajjiet differenti ta' l-użu. Il-ħajjiet ta' dawn il-komponenti għandhom ikunu vvalutati individwalment.<br>Il-kapitalizzazzjoni tan-nefqa: ibbażata fuq limitu (anqas minn EUR 10 000 mingħajr VAT: l-ebda kapitazlizzazzjoni) |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ | Kategorizazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|
| 11.3 **Attiv ieħor finanzjarju** | — Strumenti azzjonarji, interessi ta' parteċipazzjoni w investimenti f'sussidjarji<br>— Titoli miżmuma bħala portafolli assenjati<br>— Attiv finanzjarju fiss<br>— Tranżazzjonijiet *repo* b'lura ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'konnessjoni ma' l-immaniġġjar tal-portafolli ta' titoli taħt dan l-element | (a) *Strumenti azzjonarji negozjabbli*<br>Valur tas-suq<br>(b) *Interessi ta' parteċipazzjoni u ishma azzjonarji illikwidi*<br>Prezz suġġett għal impairment<br>(c) *Investiment f'sussidjarji jew interessi sinifikanti*<br>Valur ta' l-attiv nett<br>(d) *Titoli negozjabbli*<br>Valur tas-suq<br>(e) *Titoli mhux negozjabbli*<br>Prezz<br>(f) *Attiv finanzjarju fiss*<br>Prezz suġġett għal impairment<br>Ir-rigali/skontijiet huma amortizzati.<br>Għal strumenti azzjonarji, ir-regoli ddettaljati huma stabbiliti fl-Artikolu 10 ta' din id-Deċiżjoni |
| 11.4 **Differenzi ta' rivalutazzjoni ta' strumenti *off-balance sheet*** | Riżultati ta' valutazzjoni ta' *forwards* tal-kambju, *swaps* tal-kambju, *swaps* tar-rata ta' l-imgħax, ftehim tar-rata bil-quddiem, tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli, tranżazzjonijiet spot tal-kambju mid-data tan-negozju għad-data tal-ħlas | Pożizzjoni netta bejn forward u spot, skond ir-rata tas-suq tal-kambju |
| 11.5 **Dovuti u spejjeż imħallsa minn qabel** | Dħul mhux dovut, imma assenjabbli lill-perijodu rrappurtat. Spejjeż u imgħax akkumulat imħallas imħallsa minn qabel (3) | Valur nominali, kambju tradott skond ir-rata tas-suq |
| 11.6 **Oħrajn** | a) *Advances*, self, elementi oħra minuri. Self fuq bażi ta' *trust*.<br>b) Investimenti relatati ma' depożiti f'deheb tal-konsumaturi.<br>c) Attiv tal-pensjoni nett | a) Valur nominali/prezz<br>b) Valur tas-suq<br>c) Skond l-Artikolu 22(3) |
| 12 **Telf għas-sena** | | Valur nominali |

(1) ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1.
(2) ĠU L 337, 20.12.2001, p. 52.
(3) jiġifieri mgħax aggregat mixtri b'titolu.

PASSIV

| | Element tal-Karta tal-Bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1 | **Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** | Karti tal-flus euro maħruġin mill-BĊE, skond id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 | Valur nominali |
| 2 | **Passiv għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat f'euro** | Elementi 2.1, 2.2, 2.3 u 2.5: depożiti f'euro kif deskritt fl-Anness I mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 | |
| 2.1 | **Kontijiet kurrenti (ikopru s-sistema ta' riżervi minimi)** | Kontijiet fil-euro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma inklużi fil-lista ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji suġġetti għar-riżervi minimi skond l-Istatut. Dan l-element jinkludi kontijiet l-aktar użati sabiex jinżammu riżervi minimi | Valur nominali |
| 2.2 | **Faċilità ta' depożitu** | Depożiti *overnight* b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel (*standing facility*) | Valur nominali |
| 2.3 | **Depożiti fissi** | Ġbir għal skopijiet ta' assorbiment ta' likwidita minħabba operazzjonijiet ta' irfinar | Valur nominali |
| 2.4 | **Irfinar ta' operazzjonijiet b'lura** | Tranżazzjonijiet relatati mal-politika monetarja bil-għan ta' assorbiment ta' likwidita | Valur nominali jew prezz *repo* |
| 2.5 | **Depożiti dwar *margin calls*** | Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn tnaqqis fil-valur ta' attiv sottostanti fir-rigward tal-krediti ma' dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu. | Valur nominali |
| 3 | **Passiv ieħor għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro iddenominat f' euro** | Tranżazzjonijiet *repo* b'konnessjoni ma' tranżazzjonijiet *repo* b'lura fl-istess ħin għall-immaniġġjar tal-portafolli ta' titoli taħt asset item "Titoli għal residenti taż-żona ta' l-euro iddenominati f' euro". Operazzjonijiet oħra mhux relatati ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' l-Eurosistema. L-ebda kontijiet kurrenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu | Valur nominali jew prezz *repo* |
| 4 | **Ċertifikati ta' debitu maħruġa tal-BĊE** | Element tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE biss.<br>Ċertifikati ta' debitu kif deskritt fl-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7.<br>Karta ta' l-iskont, maħruġa bil-għan ta' l-assorbiment tal-likwidità | Valur nominali |
| 5 | **Passiv għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro iddenominat f'euro** | | |
| 5.1 | **Gvern ġenerali** | Kontijiet kurrenti, depożiti fissi, depożiti mħallsa lura wara talba | Valur nominali |
| 5.2 | **Passiv ieħor** | Kontijiet kurrenti ta' l-istaff, kumpaniji u kljenti inklużi istituzzjonijiet finanzjarji mniżżla bħala eżenti mill-obbligu li jkollhom riżervi minimi – ara element tal-passiv 2.1, etċ.; depożiti fissi, depożiti mħallsa lura wara talba | Valur nominali |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| 6 | **Passiv għal residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominat f'euro** | Kontijiet kurrenti, depożiti fissi, depożiti mħallsa lura meta mitluba, inklużi kontijiet miżmuma għal skopijiet ta' ħlas u kontijiet miżmuma għal skopijiet ta' immaniġġjar ta' riżerva: ta' banek oħra, banek ċentrali, istituzzjonijiet internazzjonali/sovranazzjonali inkluża l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; kontijiet kurrenti ta' depożitanti oħra. Tranżazzjonijiet *repo* b'konnesssjoni ma' tranżazzjonijiet *repo* b'lura fl-istess ħin għall-immaniġġjar ta' titoli ddenominati f'euro. Bilanċi ta' kontijiet TARGET ta' banek ċentrali ta' Stati Membri li m'adottawx l-euro | Valur nominali jew prezz *repo* |
| 7 | **Passiv għal residenti taż-żona ta' l-euro ddenominat f'valuta barranija** | Kontijiet kurrenti. Passiv taħt tranżazzjonijiet *repo*; ġeneralment tranżazzjonijiet ta' investiment li jużaw attiv f'valuta barranija jew deheb | Valur nominali, traduzzjoni skond ir-rata tas-suq tal-kambju |
| 8 | **Passiv għal residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominat f'valuta barranija** | | |
| 8.1 | **Depożiti, bilanċi u passiv ieħor** | Kontijiet kurrenti. Passiv taħt tranżazzjonijiet *repo*; ġeneralment tranżazzjonijiet ta' investiment li jużaw attiv f'valuta barranija jew deheb | Valur nominali, traduzzjoni bir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| 8.2 | **Passiv li jirriżulta mill-faċilità ta' kreditu skond l-ERM II** | Self skond il-kundizzjonijiet ta' l-ERM II | Valur nominali, traduzzjoni bir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| 9 | **Kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' ġbid allokat mill-IMF** | Element iddenominat f'SDR li juri l-ammont ta' SDRs li kienu oriġinarjament allokati lill-pajjiż rispettiv/BĊN | Valur nominali, traduzzjoni bir-rata tas-suq tal-kambju fl-aħħar tas-sena |
| 10 | **Passiv intern għall-Eurosistema** | | |
| 10.1 | **Passiv ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin** | Element tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE biss iddenominat f'euro | Valur nominali |
| 10.2 | **Passiv ieħor ġewwa l-Eurosistema (nett)** | Pożizzjoni netta tas-sub-elementi li ġejjin | |
| | | (a) passiv nett li jirriżulta minn bilanċi tal-kontijiet TARGET u kontijiet korrispondenti ta' BĊNi i.e. iċ-ċifra netta tal-klejms u l-passiv – ara wkoll asset item "Klejms oħrajn ġewwa l-Eurosistema (netti)" | (a) Valur nominali |
| | | (b) passiv ieħor intern għall-Eurosistema li jista' jirriżulta, inkluż id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE fuq karti tal-flus euro lill-BĊNi | (b) Valur nominali |
| 11 | **Elementi għall-ħlas** | Bilanċi tal-kontijiet ta' ħlas (passiv), inklużi l-float ta' trasferimenti ġiro | Valur nominali |
| 12 | **Passiv ieħor** | | |
| 12.1 | **Differenzi ta' rivalutazzjoni ta' strumenti *Off-balance sheet*** | Riżultati ta' valutazzjoni ta' *forwards* tal-kambju, *swaps* tal-kambju, *swaps* tar-rata ta' l-imgħax, ftehim tar-rata bil-quddiem, tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli, tranżazzjonijiet spot tal-kambju mid-data tan-negozju għad-data tal-ħlas | Pożizzjoni netta bejn forward u spot, skond ir-rata tas-suq tal-kambju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni |
|---|---|---|
| 12.2 **Dovuti u dħul miġbura bil-quddiem** | Nefqa dovuta f'perijodu futur imma tirrelata mal-perijodu ta' rappurtar. Dħul riċevut fil-perijodu rrappurtat imma jirrelata għal perijodu futur | Valur nominali, kambju translated skond ir-rata tas-suq |
| 12.3 **Oħrajn** | (a) Kontijiet *suspense* tat-taxxa. Kreditu f'valuta barranija jew kontijiet b'kopertura ta' garanzija. Tranżazzjonijiet *repo* ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'konnessjoni ma' tranżazzjonijiet *repo* b'lura fl-istess ħin għall-immaniġġjar ta' portafolli ta' titoli taħt asset item "Attiv finanzjarju ieħor". Depożiti ta' bil-fors minbarra depożiti ta' riżerva. Elementi minuri oħra. elemeneti minuri oħra. Passiv fuq baż ta' *trust*. | (a) Valur nominali jew prezz (tar-*repo*) |
| | (b) Depożiti tad-deheb tal-konsumaturi. | (b) Valur tas-suq |
| | (c) Passiv tal-pensjoni nett | (c) Skond l-Artikolu 22(3) |
| 13 **Provvedimenti** | Għar-rata tal-kambju, għar-riskji tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb, u għal skopijiet oħra e.ż. spejjeż futuri mistennija u kontribuzzjonijiet skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut fir-rigward tal-banek ċentrali ta' l-Istati Membri li d-derogi tagħhom thassru | Prezz/valur nominali |
| 14 **Kontijiet ta' rivalutazzjoni** | (a) Kontijiet ta' rivalutazzjoni relatati maċ-ċaqliq fil-prezz għad-deheb, għal kull tip ta' titoli ddenominati f'euro, għal kull tip ta' titoli ddenominati f'valuta barranija, għall-*options*; differenzi fil-valutazzjoni tas-suq dwar ir-riskju tad-derivattivi tar-rata ta' l-imgħax; kontijiet ta' rivalutazzjoni relatati maċ-ċaqliq tar-rata tal-kambju għal kull pożizzjoni miżmuma netta tal-valuta, inklużi *swaps/forwards* tar-rata tal-kambju u SDRs | Differenza ta' rivalutazzjoni bejn l-ispiża medja u l-valur tas-suq, kambju tradotta skond ir-rata tas-suq |
| | (b) Kontijiet ta' rivalutazzjoni speċjali li jiġi minn kontribuzzjonijiet skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut fir-rigward tal-with respect banek ċentrali ta' l-Istati Membri li d-derogi tagħhom thassru - ara l-Artikolu 11(2) | |
| 15 **Kapital u riżervi** | | |
| 15.1 **Kapital** | Kapital imħallas | Valur nominali |
| 15.2 **Riżervi** | Riżervi legali, skond l-Artikolu 33 ta' l-Istatut u kontribuzzjonijiet skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut fir-rigward ta' banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom thassru | Valur nominali |
| 16 **Qligħ għas-sena** | | Valur nominali |

*ANNESS II*

## Karta tal-bilanċ al-BĊE

*(EUR miljun)* ([1])

| Attiv | Sena tar-rappurtar | Sena ta' qabel |
|---|---|---|
| 1 Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb | | |
| 2 Klejms fuq residenti mhux fiż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuta barranija | | |
| 2.1 Ammonti riċevibbli mill-IMF | | |
| 2.2 Bilanċi mal-banek u investimenti f'titoli, self estern u attiv ieħor estern | | |
| 3 Klejms fuq residenti fiż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuta barranija | | |
| 4 Klejms fuq residenti mhux fiż-żona ta' l-euro ddenominati f'euro | | |
| 4.1 Bilanċi mal-banek, investimenti f'titoli and self | | |
| 4.2 Klejms ġejjin minn faċilità ta' kreditu skond l-ERM II | | |
| 5 Self lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro relatati ma' operazzjonijiet ta' politika monetarja ddenominat f'euro | | |
| 5.1 Operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | | |
| 5.2 Operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid għal żmien twil | | |
| 5.3 Operazzjonijiet b'lura ta' irfinar | | |
| 5.4 Operazzjonijiet b'lura strutturali | | |
| 5.5 Faċilità ta' self marġinali | | |
| 5.6 Krediti relatati ma' *margin calls* | | |
| 6 Klejms oħrajn f'istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro ddenominati f'euro | | |
| 7 Titoli negozzjabbli ta' residenti fiż-żona ta' l-euro ddenominati f'euro | | |
| 8 Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat f'euro | | |
| 9 Klejms intra-Eurosistema | | |
| 9.1 Klejms relatati ma' *promissory notes* li jsostnu l-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu tal-BĊE | | |
| 9.2 Klejms relatati ma' l-allokazzjoni tal-karti tal-flus euro ġewwa l-Eurosistema | | |
| 9.3 Klejms oħrajn fl-Eurosistema (nett) | | |
| 10 Elementi għall-ħlas | | |
| 11 Attiv ieħor | | |
| 11.1 Muniti taż-żona ta' l-euro | | |
| 11.2 Attiv fiss tanġibbli u mhux tanġibbli | | |
| 11.3 Attiv ieħor finanzjarju | | |
| 11.4 Differenzi ta' rivalutazzjoni ta' strumenti *off-balance sheet* | | |
| 11.5 Dovuti u spejjeż imħallsa minn qabel | | |
| 11.6 Oħrajn | | |
| 12 Telf għas-sena | | |
| Attiv totali | | |

| Passiv | Sena ta' rappurtar | Sena ta' qabel |
|---|---|---|
| 1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni | | |
| 2 Passiv għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat f'euro | | |
| 2.1 Kontijiet kurrenti (ikopru s-sistema ta' riżervi minimi) | | |
| 2.2 Faċilità ta' depożitu | | |
| 2.3 Depożiti fissi | | |
| 2.4 Irfinar ta' operazzjonijiet b'lura | | |
| 2.5 Depożiti dwar *margin calls* | | |
| 3 Passiv ieħor għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro iddenominat f' euro | | |
| 4 Ċertifikati ta' debitu maħruġa tal-BĊE | | |
| 5 Passiv għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro iddenominat f'euro | | |
| 5.1 Gvern ġenerali | | |
| 5.2 Passiv ieħor | | |
| 6 Passiv għal residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominat f'euro | | |
| 7 Passiv għal residenti taż-żona ta' l-euro ddenominat f'valuta barranija | | |
| 8 Passiv għal residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominat f'valuta barranija | | |
| 8.1 Depożiti, bilanċi u passiv ieħor | | |
| 8.2 Passiv li jirriżulta mill-faċilità ta' kreditu skond l-ERM II | | |
| 9 Kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' ġbid allokat mill-IMF | | |
| 10 Passiv intern għall-Eurosistema | | |
| 10.1 Passiv ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin | | |
| 10.2 Passiv ieħor ġewwa l-Eurosistema (nett) | | |
| 11 Elementi għall-ħlas | | |
| 12 Passiv ieħor | | |
| 12.1 Differenzi ta' rivalutazzjoni ta' strumenti *Off-balance sheet* | | |
| 12.2 Dovuti u dħul miġbura bil-quddiem | | |
| 12.3 Oħrajn | | |
| 13 Provvedimenti | | |
| 14 Kontijiet ta' rivalutazzjoni | | |
| 15 Kapital u riżervi | | |
| 15.1 Kapital | | |
| 15.2 Riżervi | | |
| 16 Qligħ għas-sena | | |
| Passiv totali | | |

([1]) Il-BĊE jista' alternattivament jippubblika ammonti ta' l-euro eżatti, jew ammonti miġjubin għad-dritt b'mod differenti

*ANNESS III*

**KONT TAL-QLIGĦ U TAT-TELF TAL-BĊE IPPUBBLIKAT**

*(EUR miljun)* (1)

| Kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li tispiċċa fil-31 ta' Diċembru … | | Sena tar-rappurtar | Sena ta' qabel |
|---|---|---|---|
| 1.1.1 | *Dħul f'imgħax fuq attiv ta' riżervi barranin* | | |
| 1.1.2 | *Dħul minn imgħax ġej mill-allokazzjoni ta' karti tal-flus ta' l-euro fl-Eurosistema* | | |
| 1.1.3 | *Dħul ieħor minn imgħax* | | |
| 1.1 | *Dħul f'imgħax* | | |
| 1.2.1 | *Remunerazzjoni ta' talbiet tal-BCNi fir-rigward ta' riservi barranin ittrasferiti* | | |
| 1.2.2 | *Spejjeż oħra minn imgħax* | | |
| 1.2 | *Spiża f'imgħax* | | |
| 1 | Dħul nett minn imgħax | | |
| 2.1 | *Qligħ u telf irrealizzat minn operazzjonijiet finanzjarji* | | |
| 2.2 | *Write-downs fuq attiv finanzjarju u pożizzjonijiet* | | |
| 2.3 | *Trasferiment minn/għal provvedimenti għal kambju barrani rati u riskji fil-prezz* | | |
| 2 | Riżultat nett ta' operazzjonijiet finanzjarji, *write downs u* provvedimenti ta' riskju | | |
| 3.1 | *Dħul minn drittijiet u kummissjonijiet* | | |
| 3.2 | *Spejjeż minn drittijiet u kummissjonijiet* | | |
| 3 | Dħul/spejjeż netti minn drittijiet u kummissjonijiet (2) | | |
| 4 | Dħul minn ishma u interessi ta' parteċipazzjoni | | |
| 5 | Dħul ieħor | | |
| | **Dħul nett totali** | | |
| 6 | Spejjeż ta' l-istaff (3) | | |
| 7 | Spejjeż amministrativi (3) | | |
| 8 | Deprezzament ta' attiv fiss tanġibbli u intanġibbli | | |
| 9 | Servizzi ta' produzzjoni ta' karti tal-flus (4) | | |
| 10 | Spejjeż oħra | | |
| | **(Telf)/qligħ għas-sena** | | |

(1) Il-BĊE jista' alternattivament jippubblika ammonti eżatti ta' euro, jew ammonti miġjubin għad-dritt b'mod differenti.
(2) It-tqassim bejn dħul u spejjeż jista' jkun ipprovdut alternattivament fin-noti spjegattivi tal-kontijiet annwali.
(3) Inkluż provvedimenti amministrattivi.
(4) Dan l-element jintuża fil-każ ta' produzzjoni esterna ta' karti tal-flus (għall-ispiża ta' servizzi pprovduti minn kumpanniji esterni inkarigati mill-produzzjoni tal-karti tal-flus f'isem il-banek ċentrali). Huwa rrakkonandat li l-ispejjeż magħmulin fir-rigward tal-ħarġa tal-karti tal-flus ta' l-euro għandhom jittiehdu fil-kont tal-qligħ u t-telf kif ikun hemm il-fattura għalihom jew meta jsiru, ara wkoll il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16.

*ANNESS IV*

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Deċiżjoni BĊE/2002/11 | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| — | Artikolu 7 |
| Artikolu 7 | Artikolu 8 |
| Artikolu 8 | Artikolu 9 |
| Artikolu 9 | Artikolu 10 |
| Artikolu 10 | Artikolu 11 |
| Artikolu 11 | Artikolu 12 |
| Artikolu 12 | Artikolu 13 |
| Artikolu 13 | Artikolu 14 |
| Artikolu 14 | Artikolu 15 |
| Artikolu 15 | Artikolu 16 |
| Artikolu 16 | Artikolu 17 |
| Artikolu 17 | Artikolu 18 |
| Artikolu 18 | Artikolu 19 |
| — | Artikolu 20 |
| Artikolu 19 | Artikolu 21 |
| Artikolu 20 | Artikolu 22 |
| Artikolu 21 | Artikolu 23 |
| Artikolu 22 | Artikolu 24 |